# L-GĦID TA' L-ASSUNTA

Ħarġa ta' darba fis-sena | Maħruġa minn Mons. Carmelo Scicluna | 15 ta' Awissu, 1968


## L-AKBAR GRAJJA TAL-KATIDRAL TA' GHAWDEX MITT SENA ILU

**Ħadd ma jista' jiċħad li l-ġrajjiet tal-Katidral ta' Għawdex ma raqmux l-istorja ta' art twelidna bl-isbaħ paġni li l-ebda tul ta' żmien ma jista' jkun qatt li jitfi d-dija storika li ħierġa minnhom. Matul il-medda twila taż-żmien din l-ewwel knisja nisranija, l-ewwel parroċċa, l-ewwel Kolleġġjata u l-ewwel Matriċi ta' Għawdex ta' kull sena toffri xi ġrajja li għal dawk li jħobbu l-istorja ta' Gżiritna tiswa żgur aktar mid-deheb u mill-ġawhar. U liema kienet l-akbar ġrajja li twettqet mitt sena ilu fil-Katidral ta' Għawdex u li żejnet l-istorja ta' art twelidna b'teżor ġdid?**



Mons. Anton Grech Delicata.

### IL-ĦATRA TA' MONS. ANTON GRECH DELICATA BĦALA T-TIENI ISQOF T'GĦAWDEX

Qabel ma ġie maħtur bħala t-tieni Isqof tad-Djoċesi Għawdxija, Mons. Anton Grech Delicata kien qed jagħmel il-parti ta' Amministratur Apostoliku ta' l-istess Djoċesi. L-aħbar tal-ħatra ta' dan l-Isqof Titulari ta' Caledonia bħala Amministratur Apostoliku għal Għawdex waslet l-ewwel lir-Rev.mu Kapitlu tal-Kattidral fit-30 ta' Novembru 1867. Kienet din il-ġurnata meta l-ogħla dinjita' tar-Rev.mu Kapitlu ta' dak iż-żmien, id-Dekan Dun Salv Refalo sejjaħ għal għarrieda laqgħa kapitulari li għaliha kienu preżenti dawn il-kanoniċi: l-imsemmi Dekan Dun Salv Refalo, il-Kuratur Dun M'Anġ Garroni, Dun Franġisk Schembri, it-Teologu Dun Tumas Pace, Dun Gejtan Bondi, Dun Ġorġ Mercieca, Dun Anton Cauchi, il-Kjerku Dun Ġużepp Tewma u l-Kuġitur Dun Franġisk Tewma. F'din l-adunanza kapitulari, il-Preminent tar-Rev.mu Kapitlu, l-imsemmi Dekan Refalo fetaħ ittra mibgħuta lilu mill-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof Amministratur Anton Grech Delicata biex jaqraha lill-membri kollha ta' l-imsemmi kapitlu u jgħarrafhom biha li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX ħatru għad-dinjita' għolja ta' Amministratur Apostoliku għad-Djoċesi Għawdxija.

### THEJJIJIET GĦAL WASLA F'GĦAWDEX TA' MONS. ANTON GRECH DELICATA

Ġew magħżulin 4 membri tar-Rev.mu Kapitlu: id-Dekan Dun Salv Refalo, il-Kantur Dun M'Anġ Garroni, it-Teologu Dun Tumas Pace u Dun Gejt Bondi biex flimkien ifasslu ittra ħalli permezz tagħha jibagħtu jifirħu lill-isemmi Amministratur Apostoliku. Din l-istess deputazzjoni ħasbet biex tagħmel laqgħa xierqa lil dan l-Isqof Titulari hekk kif wasal fl-Imġarr minn fejn fost id-daqq ferrieħ tal-qniepen baqa' tiela' lejn il-Knisja Kattidrali.

Hawnhekk ġie milqugħ fil-bieb il-kbir tal-Kattidral mir-Rev.mu Kapitlu, mill-kleru u mdaħħal proċessjonalment lejn l-artal Maġġur biex quddiem ix-xbieha ta' l-Assunta jintona t-"Te Deum" ta' radd ta' ħajr. Iżda l-poplu Għawdxi ftit li xejn laqa' bil-ferħ din il-ħatra għax hu kien rabat qalbu wisq ma' l-Amministratur Apostoliku ta' qablu, l-Agostinjan Fra Pawl Micallef. Tant hu hekk li meta dan ta' l-aħħar kien wasal biex imur Ruma għall-festi li kienu qegħdin isiru biex ifakkru għeluq it-tmintax il-mitt sena mill-Martirju tal-Appostli S. Pietru u S. Pawl, il-poplu Għawdxi kien bagħat din it-telegramma lill-Awtoritajiet Ekklesjastiċi ta' Ruma: "Jekk fil-Konċistorju li jmiss, Mons. Micallef ma jiġix magħżul Isqof t'Għawdex, il-poplu Għawdxi jitlob biex jekk hu possibli kollox jiġi mwaqqaf sakemm l-imsemmi Mons. Micalefl jagħti r-rapport tiegħu."

It-tweġiba għal dan it-telegramm waslet mingħand il-Kardinal Antonelli f'dan is-sens, "Kollox wasal fil-ħin." Madankollu l-Amministratur Apostoliku t'Għawdex Mons. Pawlu Micallef O.S.A. kien destinat għall-Djoċesi akbar, fil-waqt li l-Isqof titulari Mons. Anton Grech Delicata ġie magħżul bħala l-Amministratur Apostoliku l-ġdid għal Għawdex. Għalkemm il-poplu Għawdxi ma laqgħax tajjeb din il-għażla, fratant iż-żmien dejjem kien l-aħjar mediċina ta' fejqan għall-mard ta' din ix-xorta.

### 24 TA' SETTEMBRU 1868

U fil-fatt kien l-24 ta' Settembru tas-sena 1868, għaxar xhur wara l-għażla tiegħu bħala Amministratur Apostoliku ta' Għawdex, meta l-Isqof titulari ta' Caledonia ġie maħtur u nominat mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX bħala t-tieni Isqof tad-Djoċesi Għawdxija.

Fil-fatt f'laqgħa kapitulari tas-17 ta' Jannar 1869, id-Dekan Dun Salv Refalo wera l-Bolla Pontifiċja li kienet taħtar l-imsemmi Mons. Anton Grech Delicata bħala t-tieni Isqof ta' Għawdex fl-24 ta' Settembru 1868. Barra minn hekk f'din il-laqgħa ttieħdet deċiżjoni li fl-24 ta' Jannar 1869 jingħata l-Pussess lill-Prokuratur ta' l-Isqof il-ġdid biex tiġi mwettqa l-Bola ta-Papa Piju IX.

F'din l-okkażjoni l-Kanċillier tar-Rev.mu Kapitlu, Dun Salv Spiteri qara ittra lill-membri tar-Rev.mu Kapitlu mibgħutha lilu mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Antonu Grech Delicata. F'din l-ittra l-imsemmi Isqof wera biċ-ċar kif huwa ġie maħtur bħala Isqof t'Għawdex fil-Konċistorju tal-24 ta' Settembru 1868 u li huwa kien għażel lill-Kanoniku Dun Gejtan Bondi bħala Prokuratur leġittimu tiegħu biex jieħu l-Pussess meħtieġ minfloku f'din l-istess ġurnata tal-24 ta' Jannar 1869.

U għaddew yames xhur oħra meta f'Ġunju 1869 l-Isqof Grech Delicata għamel l-Ingress Tiegħu Solenni fil-Kattidral fost l-għajjat ferrieħ tal-poplu kollu Għawdxi għax bħalma stqarrejna ż-żmien issa kien ħall għal kollox ir-rabta ta' ħbiberija li kienet issaltan bejn missirijietna ta' mitt sena ilu u l-Isqof il-ġdid tiegħu.

### L-ISQOF GRECH DELICATA U L- KATTIDRAL

Matul it-tmien snin tal-Veskovat tiegħu, Mons. Grech Delicata ma naqasx li jaħdem favur il-Knisja Kattidrali. Bissaħħa tiegħu l-Kantur Dun M'Anġ Garroni fl-1871 laħaq l-ewwel Arċidjaknu tal-Knisja Kattidrali, dinjita' li kienet tixraq tabilħaqq lil din il-persuna billi ħadmet bi sħiħ għat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija.

(Ikompli f'paġna 3)

## *Il-Kwadru taċ-Ċena fil-Katidral t'Għawdex*

**Il-pittura dejjem tat is-sehem tagħha biex tkompli torqom bl-isbaħ tiżjin il-knejjes ta' gżiritna. Fil-fatt f'kull knisja li tidħol f'Għawdex għandek tiltaqa' ma' xi kwadri li jisirquk bi ġmielhom għax ikunu ħarġu mill-pniezel mgħallma ta' xi artist magħruf. U jekk il-pittura dejjem wettqet dan id-dmir, bil-wisq akbar wettqitu fis-sekli sbatax u tmintax.**



Isimgħu xi jgħid għal dan iż-żmien V. Caruana Gatto fil-ktieb tiegħu 'Malta Artistica fil-paġna 59: "quest epoca in Malta pero' e' da considerarsi come il secolo d'oro della pittura, essendo una gara fra chiesa e chiesa, tra nobilita' forestiera e nostrale per decorare edifizii sacri e profani con bella pitture."

### Il-KATIDRAL U S-SEKLU XVII

Frott tas-seklu sbatax huwa l-kwadru taċ-Ċena jew ta' l-Appostli li aħna nsibu fuq l-artal qabel tidħol għall-Kappella tas-Sagrament. Għaliex dan il-kwadru jissejjaħ ta' l-Appostli jew taċ-Ċena. Għal din il-mistoqsija jweġibna l-magħruf storiku Għawdxi l-Kan. Franġisk Agius De Soldanis li fil-ktieb "Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu", jgħidilna dawn il-kelmiet: "Il-kappella l-oħra (jiġifieri dik li tmiss mal-kappella tas-Sagrament) hi meqjuma lill-Appostli ta' Kristu li jidhru hemm lkoll fil-kwadru qegħdin jieħdu t'Tqarbin Imqaddes minn idejn l-Imgħallem tagħhom Ġesù."

L-imsemmi storiku fl-istess ktieb jissokta jgħidilna li dan il-kwadru "hu l-aħħar xogħol li għamel Ġużeppi D'Arena, imsejjaħ ir-Ruman." L-istoriku Għawdxi wasal għal din il-konklużjoni l-għaliex qabel dan il-kwadru huwa pinġa ieħor ta' S. Lażżru li jinsab sal-lum fil-parroċċa Bażilika ta' S. Ġorġ. L-is-

(Ikompli f'paġna 5)

554495

# IL-KATIDRAL T'GHAWDEX U L-PAPIET

Mill-Kav. KOLI APAP

**It-Tempju ta' Marija Assunta fil-Belt Vittorja ta' Għawdex għandu storja tad-deheb u kien f'dan il-lok li qabel kien maqdes ta' l-allat foloz li l-Appostlu Missierna San Pawl fil-miġja tiegħu fil-gżira Għawdxija waqqaf l-ewwel dar tal-Mulej għall-Għawdxin u hemm ulied Għawdex bdew jagħtu qima lil veru Alla.**

L-Għawdxin sa minn dejjem kienu msaħħra wara din l-ewwel knisja tagħhom u l-istess il-kbarat li minn żmien għall-ieħor rifsu saqajhom f'Għawdex. L-istorja hija xhieda ta' dan, difatti kien l-istess Konti Ruġġieru li fl-1090 wara li ħeles lil dawn il-gżejjer minn taħt idejn l-Għarab reġa' waqqaf mill-ġdid dan it-tempju.

U xi ngħidu għal żmien il-Kavalieri ta' l-Ordni Ġerosolmitan? Il-Gran Mastri fiż-żjarat tagħhom lil Għawdex ilkoll żaru din il-knisja prinċipali msejħa u magħrufa bħala l-Matriċi fejn ukoll kellhom is-Sedja tagħhom u l-istess ngħidu għal żmien l-Ingliżi għax ferm kbir il-għadd ta' Gvernaturi li rifsu saqajhom f'dan il-maqdes ta' ġmiel u ta' kobor.

Din il-knisja li għal bosta snin kienet il-parroċċa waħdanija ta' Għawdex mal-milja tas-snin irċeviet minn għand il-Papiet diversi dinjitajiet waħda akbar mill-oħra.

Difatti bil-Bolli ta' Urbano VIII u kkonfermata mill-Papa Alessandro VII fil-20 ta' Ottubru 1663 saret Kolleġġjata Insinji. Privileġġi ġew mogħtija mill-Papiet Klement X (1672), Klement XII (1689), Beneditt XIII (1729) u Beneditt XIV (1744).

Imma bla dubju ta' xejn l-akbar dinjita' kienet dik tal-Papa Piju IX meta l-knisja ta' l-Assunta saret Katidrali fit-22 ta' Settembru 1864.

Il-Kapitlu ta' din il-Knisja wkoll dejjem kien iż-żina u s-solennita ta' Għawdex u l-istess il-Papiet dejjem tawh privileġġi kbar. Il-Papa Benedittu XIII tah Rukkett, Muzzetta u Kapja Manja, Piju VI is-Salib Ottaganu, Piju IX Abiti Prelatizji u Buġija, Leone XIII il-Mitra, Piju X it-titlu ta' Monsinjuri u l-użu tal-Palmatorju u tal-Kanoni fil-Quddies anki quddiem l-Isqof u Piju X l-użu tal-Baċil u l-Buqar fil-Quddiesa.

# MARIJA ASSUNTA

Marija!!! Ried Alla jsejħilha
Lil Dik illi tnisslet bla dnub;
"Marija!!!" għajtu l-ġnus fi twelidha
Li mela bil-ferħ kollha l-qlub.

X'uħud jgħidu Raqdet Marija,
Imħanna fit-tjieba w virtù;
Oħrajn jgħidu wkoll illi Mietet
Biex tixbah lil Binha Ġesù.

'Ma l-Mewt illi daħlet fid-dinja
Minħabba f'tan-Nisel id-dnub;
Ma kellha ebda jedd fuq Marija
Li serqet t'għajnejn Alla l-ħbub.

Tnejn biss ġewwa l-Ġenna jinsabu
Bir-ruħ u bil-ġisem, Tnejn biss!
Ġesù l-Bniedem Alla u l-Omm Tiegħu
Marija — "terrur ta' l-abbiss".

U fl-Ewwel tax-xah'r ta' Novembru,
Ta' l-elf, disa' mija u ħamsin,
Il-kbir Piju Tnax qatgħa d-Domma
Li l-Omm t'Alla u tagħna l-bnedmin,

Kif temmet fuq l-art il-"kors" tagħha,
Imtellgħa ġiet fl-ogħla Smewwiet
Bir-Ruħ u bil-Ġisem, ħdejn Kristu,
Issaltan fost l-ikbar ħlewwiet.

B'kemm Tempji u b'Parroċċi, **l-Assunta**
Meqjuma sfat f'tagħna l-Pajjiż!
Fost dawn — **Katidral** u Rotunda,
Ta' Pinu d-Dejr l-aktar għażiż.

Senglea. **Anton Haber.**

# Quddiem l-Istatwa ta' l-Assunta

**MEQJUMA FIL-KATIDRAL T'GHAWDEX**

Kull meta nħares lejk, Madonna ħelwa,
Inħoss bħal ferħ qaddis ibaqbaq f'qalbi,
Fuq ħnientek t'omm ħanina nsejjes tamti,
Kull dgħul jisfa fix-xejn li tisma' talbi.

Il-kobor tas-smewwiet u dak tal-baħar
Nisthajjel nilmaħ fl-iżraq ta' għajnejk;
Qawwiet l-infern jitriegħdu u jixxejnu
Għal ħarstek biss, Marija, Omm Mulejk.

Nara midbiela l-oħla warda ħamra
Jekk qabel ħarsti nitfa' fuq ħaddejk;
Iddub il-ħtija bħal fid-difa l-borra
Ta' dawk li b'qalb sogħbiena jersqu lejk.

Xofftejk qrollija, imbexxqa qishom f'talba
Li tofroq is-smewwiet b'ħajr lill-Mulej,
Dawk ix-xofftejn li lissnu l-kelma 'Fiat'
Jgħallmuni nfaħħar lil Ġesù Feddej.

Wiċċek devot li ġmiel is-sema jixhed,
Imżejjen bi tbissima rżina, għaslija,
Ipaxxi l-għajn ta' kull min lejh iħares,
Ifarraġ lil kull qalb mill-hemm mifnija.

Bejn sema u art, b'dirgħajk it-tnejn miftuħa,
Taħt pavaljun mill-isbaħ, rikk u fin,
Fuq pedistal prezzjuż magħmul mill-fidda,
Int l-għaxqa tagħna kollha, il-Għawdxin.

Ma' dawn l-għotjiet noffrulek lilna nfusna,
B'omm tagħna lilek nagħrfu, fik nafdaw;
Aktar ma l-Missier Alla għamlek kbira,
Aktar fil-maħfra Tiegħu nittamaw.

Kemm ilek tgħammar f'dan l-Ewlieni Maqdes,
Għamiltu ġenna, għaxqa ta' kull qalb;
Jixxenqu għal urajk erwieħ kotrana
Li ta kuljum ħdejk jiġu joffru t-talba.

Ressaqna għand Ġesù, Bint l-istess Ibnek,
Naddfilna lsienna biex kull ġieħ nagħtuH,
Mexxina Int fi triqet il-qdusija
Sabiex ġurnata lkoll niġu ngawduH.

Biex għamilek ta' ġmiel kbir, il-kelma tonqsok,
B'ta' l-anġli d-deh'n il-bniedem ħaddem driegħu;
Kemm aktar sbejħa ħriġt minn Id 'Jehovah'
Li għamlek sema fl-art għall-Iben Tiegħu!

Sliema — 8/5/68. **Tarċisio L. Xerri.**

## Nitolbu Skuża

**Fil-kronaka tal-parroċċa tas-sena l-oħra ħallejna barra dawn il-ġrajjiet:**

**Mons. Penit. Guljelmu Grima J.C.D. ħa l-pussess ta' Monsinjur Dekan tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral fil-5 ta' Marzu 1967.**

**Mons. Edwardu Bondi laħaq Monsinjur Onorarju tal-Katidral.**

**Dun Mikiel Borg, ċeremonier tar-Rev.mu Kapitlu, laħaq ċeremonier ta' l-Isqof f'Awissu. ... ... ...**

**Dun Ġorġ Tabone laħaq ċeremonier tar-Rev.mu Kapitlu.**

**Fil-waqt li nifirħu minn qalbna lil dawn ir-Reverendi Sinjuri nitolbuhom skuża u ngħidulhom li dan ġara kontra x-xewqa tagħna.**


DAPTA 12

Qtar tal-Vitamini

● ● ●

GHAT-TFAL U TRABI

● ● ●

Tajjeb anki fis-sajf

● ● ●

Minn ghand kull Spizjar



SPRITEX

L-AHJAR

INSECT-KILLER

U JAGHMEL

ID-DAR TFUH



IFFRANKA £30 IXTRI TV

INGLIZ BAIRD

(B'GARANZIJA TA' SENTEJN)

L-Offerta issa tagħlaq fl-aħħar ta' Settembru

BAIRD THE FIRST
NAME IN TV

Ilħaq set għax in-numru huwa limitat

G. XUEREB

52/54 Racecourse Street, Victoria, Gozo.



GOZO TRAVEL

Bl-Ajru jew bil-Baħar, għal kull parti tad-Dinja

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

114, Racecourse Street, Victoria, Gozo

Tel. 76333

# PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI TA' MARIJA ASSUNTA FIL-KATIDRAL T'GĦAWDEX

**FESTI TA' ĠEWWA**

Kwindiċina: Mit-30 ta' Lulju sa l-10 ta' Awissu, fis-7.00 p.m. Kurunella tal-Madonna, Litanija kantata u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Minnufih wara quddiesa bid-Djaknu u bil-Letturi li fiha ċ-ċelebrant, il-Patri Gwardjan Ġanġużepp Camilleri O.F.M. jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni.

Mill-31 ta' Lulju sa l-14 ta' Awissu, fis-6.30 a.m. Quddiesa Solenni bil-vuċijiet, preżenti r-Rev.mu Kapitlu.

Is-Sibt, 10 ta' Awissu, fis-6.00 p.m. Rużarju ħaj bit-tfal subien u bniet tal-parroċċa.

Il-Ħadd, 11 ta' Awissu: Fis-7.15 a.m. quddiesa għal kull klassi soċjali ta' nies fil-parroċċa. Fiha jinqraw appelli qosra minn missier, omm, ħaddiem, għarus, għarusa, żagħżugħ, xebba, tifel u tifla. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni mit-tliet missjunarji Għawdxin tal-Brażil li fiha ssirilhom ġabra għall-missjoni tagħhom.

Fl-4.30 p.m. Għasar u kumpieta kantati, kurunella tal-Madonna, priedka mill-Wisq Rev.mu Dun Vinċenz Ciappara B.D., Innu, Antifona u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

It-Tnejn, 12 ta' Awissu, fil-5.30 p.m. ikun hemm l-istess funzjoni ta' l-ewwel tat-Tridu.

L-Erbgħa, 14 ta' Awissu, fis-7.00 a.m. wara l-Quddiesa tal-Kwindiċina "Te Deum" bil-mużika u fit-8.00 a.m. quddiesa mill-Eċċ.za Tiegħu l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex, Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc., li warajha jqassam 'humpers' ta' l-ikel għall-ifqar familji tal-parroċċa.

Fil-5.00 p.m. Daħla solenni ta'



l-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof N. Cauchi fil-Kattidral fejn jiġi milqugħ mir-Rev.mu Kapitlu. Translazzjoni u Għasar Pontifikali, kant tal-Kumpieta u tal-Litanija tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

Il-Ħamis, 15 ta' Awissu, Jum il-Festa: fis-6.15 a.m. Konċelebrazzjoni mill-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof Cauchi flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Fit-8.15 a.m. kant tat-Terza u Quddiesa Solenni Pontifikali mill-imsemmi Isqof li fiha jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni. Wara l-Pontifikal l-Isqof jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Fl-4.30 p.m. quddiesa letta u wara għasar solenni bil-mużika u proċessjoni mmexxija mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi. Wara antifona tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

**FESTI TA' BARRA FIL-QOSOR**

Mill-11 sal-15 ta' Awissu jkun hemm marċi brijużi mat-triqat prinċipali tar-Rabat u programmi mużikali minn dawn il-baned: "Leone" tal-Belt Vittorja, "La Vallette", "St. Joseph" tal-Ħamrun, "Victory" tax-Xagħra, "Prekursur" tax-Xewkija, "San Ġużepp" ta' Għajnsielem u "Mnarja" tan-Nadur.

N.B.—Il-Vigarju Kurat jgħarraf li fis-7.30 a.m. nhar S. Mazjoni għal dawk is-saċerdoti li jixtiequ jqaddsu fil-Katidral.

## Għir ta' Flus mill-Kaxxa ta' Quddiem l-Istatwa ta' l-Assunta Matul is-Sena 1967-68

| Data | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|
| 2. 8.67 | 17 | 5 | 0 |
| 11. 8.67 | 19 | 17 | 6 |
| 14. 8.67 | 40 | 15 | 0 |
| 16. 8.67 | 29 | 3 | 0 |
| 17. 8.67 | 4 | 17 | 8 |
| 31. 8.67 | 17 | 9 | 0 |
| 16. 9.67 | 16 | 19 | 4 |
| 2.10.67 | 14 | 4 | 8 |
| 16.10.67 | 13 | 15 | 0 |
| 2.11.67 | 15 | 12 | 4 |
| 16.11.67 | 13 | 17 | 4 |
| 2.12.67 | 12 | 2 | 6 |
| 16.12.67 | 9 | 0 | 3 |
| 1. 1.68 | 19 | 7 | 4 |
| 16. 1.68 | 10 | 14 | 5 |
| 2. 2.68 | 13 | 1 | 11 |
| 16. 2.68 | 12 | 12 | 2 |
| 2. 3.68 | 11 | 16 | 8 |
| 16. 3.68 | 12 | 3 | 4 |
| 4. 4.68 | 19 | 8 | 9 |
| 1. 7.68 | 19 | 7 | 6 |
| 16. 7.68 | 14 | 7 | 3 |
| 16. 6.68 | 16 | 2 | 11 |
| 16. 4.68 | 13 | 4 | 2 |
| 30. 4.68 | 14 | 8 | 9 |
| 17. 5.68 | 18 | 13 | 3 |
| 2. 6.68 | 19 | 10 | 0 |
| 30. 7.68 | 15 | 14 | 3 |


OSTERMILK
L-Aqwa Ħalib għat-Trabi





CAPS OFF TO FARSONS £3000 LOTTERY

Twelve caps from any of Farsons beers or Kinnie, or from any Schweppes or Mission bottles, entitle you to an entry ticket for Farsons' Lottery. Yes, just saving twelve caps from your favourite drinking gives you a chance to win cash. First prize £1000, second £300, third £200, plus 10 x £100 and 10 x £50. So drink up—and your local store will give you the tickets for your bottle tops!

Beers — Kinnie — Schweppes — Mission.

GOOD FORTUNE FROM FARSONS

DPL 17/68





DORIS JEWELLERY

41, St. Andrew Str.,

and

79, Vajrinġa Str.,

Victoria

All kinds of Fancy Jewellery in Silver, Gold & Diamond, Silverware, Watches Chalices and other Articles for Religious Service.



Brooklax

THE BRITISH CHOCOLATE LAXATIVE

ENDS CONSTIPATION OVERNIGHT

# Grajjiet Importanti Li Twettqu fil-Katidral Matul is-Sena 1967-68

Il-Katidral t'Għawdex billi huwa l-eqdem tempju ta' pajjiżna minn dejjem kien iċ-ċentru u t-tijatru ta' bosta ġrajjiet. Illum, għalkemm għaddew minn fuq din il-knisja mijiet ta' snin, madankollu bosta huma dawk il-ġrajjiet importanti li twettqu matul is-sena li għaddiet biex ikomplu jdommu l-istorja interessanti tagħha bl-isbaħ ilwien u kuluri.



Fil-11 ta' Mejju l-Eċċ.za Tiegħu l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soċ. amministra għall-ewwel darba fil-Katidral t'Għawdex is-Sagrament ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali. F'din l-okkażjoni ġew mgħollija għad-dinjita' ta' saċerdoti ħdax-il Djaknu kif juri r-ritratt ta' hawn fuq.



Il-Kant fil-funzjonijiet liturġiċi mill-fidili ġie mogħti importanza kbira mill-Konċilju Vatikan II. Għal din ir-raġuni fil-Katidral ta' Għawdex f'din is-sena twaqqaf kor bl-isem ta' "Marija Assunta" taħt it-tmexxija ta' Miss Mary Zammit LRSM. Dan il-kor li formalment deher għall-ewwel darba fil-publiku matul il-Ġimgħa Liturġiko-Ewkaristika kompla kiber biż-żieda ta' xi żgħażagħ u rġiel. Hareġ ukoll barra mill-parroċċa u ħa sehem fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fid-9 ta' Awissu fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tad-Dar ta' Lourdes fl-Imġarr.



Fis-16 ta' Ġunju 1968 il-Gran Mastru ta' l-Ordni Ġerosolmitan, il-Prinċep Angelo De Moyana bl-entourage tiegħu għamel żjara statali fil-Katidral t'Għawdex. Fir-ritratt jidher jitlob fil-kappella tas-Sagrament.



Bis-saħħa taċ-Ċirkulari 14/68 ta' l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex, il-Katidral ta' gżiritna kiteb paġna ġdidna fl-istorja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 1968, meta ħarġet għall-ewwel darba purċissjoni bl-istatwi tal-Ħames Misteri tat-Tbatija mill-Knisja msemmija. Għal din l-okkażjoni żżanżnu statwa ta' Ġesù mejjet fuq is-Salib flimkien mal-Madonna, S. Ġwann u l-Madalena, żewġ slaleb tal-ġewż, qasba u stellarju tal-fidda. Għal din il-purċissjoni eluf ta' nies minn kull rokna tal-gżira Għawdxija nġabru fil-Belt Vittorja.



Fil-5 ta' Lulju 1968 għamel żjara bla ħsieb lill-Katidral t'Għawdex l-Altezza Rjali Tiegħu l-Prinċep ta' Wales, l-iben il-kbir tar-Reġina Renjanti ta' l-Ingilterra Eliżabetta II. Kif wasal fiċ-Ċittadella, il-Prinċep wera x-xewqa tiegħu li jżur lill-Knisja Katidrali. Is-Sur George Pisani, Senior Information Officer, dawwar lill-Altezza Rjali ma' l-imsemmija knisja. Fir-ritratt jidher tiela' t-taraġ tal-Katidral t'Għawdex.

**HEMPEL'S**
**paints**
**are**
**best**
***Hempalin***
***(Enamel***
***u Undercoating)***
***Hempatone***
***(Zebgha tal-Plastic)***

# Il-Kwadru taċ-Ċena fil-Katidral t'Għawdex

(Ikompli minn paġna 5)

lilu nnifsu taħt ix-xbiha ta' Ostja lil S. Pietru. Il-qagħda ta' dan l-Appostlu turi biċ-ċar li huwa qed jilqa' fuq ilsienu lil Ġesù Ostja bl-akbar dewha u devozzjoni qaddisa. Il-pożizzjoni ta' idejh kif ukoll il-bixra ta' wiċċu donnhom qegħdin jgħidu lil Ġesù: "Mulej, ma jisthoqqlix tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda jgħid biss kelma u ruħi tkun imfejqa."

Fit-tarf tan-naħa tax-xellug tal-kwadru nsibu wieħed mill-Appostli b'wiċċu fl-art u b'idejh magħquda ħalli b'att profond ta' qima jurina li fl-Ostja Konsagrata tinsab il-preżenza rejali t'Alla. Tliet persunaġġi oħra li għandhom ċerta prominenza fil-kwadru lkoll jinsabu bil-ħarsa tagħhom iffissata fuq Ġesù Ostja. It-tlieta qegħdin jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq is-suġġett prinċipali tal-kwadru — Ġesù Ostja. It-tlieta bil-qagħda tagħhom jixhdu li huma sejrin jilqgħu fis-sider tagħhom lil Ġesù bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinita' bl-akbar ħerqa possibbli.

L-espressjoni ta' ġabra li tinqara fuq il-wiċċ taż-żewġ appostli ta' wara S. Pietru donnha qed tgħidilna li f'Ġesù Ostja biss tinsab il-paċi u l-hena talqalb u mhux fil-ġid u l-glorji tad-dinja. L-appostlu l-ieħor li jinsab fit-tarf tal-lemin tal-kwadru b'dawk idejh miftuħa u b'ħarstu msammra fuq l-Ostja bajda daqs il-ħalib irid donnu ta' bilfors jistqarr li Ġesù biss huwa t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja tal-bnedmin.

L-Appostli l-oħra li jidhru kemm xejn fil-bogħod jixhdu mill-fattizzi ta' wiċċhom li huma lkoll xewqanin li jieħdu dan l-ikel bnin tar-ruħ għax huma kienu żgur fuq li żgur li "kull min jiekol minn dan il-ħobż, jgħix għal dejjem."

Dan il-kwadru ma fihx ħafna xejxi ta' kuluri. Iżda l-appostli huma lkoll lebsin ħwejjeġ ta' lwien mitfija biex l-artista jurina li l-Appostli ma kienux nies jagħmlu tajjeb u biex l-għajnejn ta' l-ammiraturi ta' dan il-kwadru ma jintilfux fuq is-sbuħija u għajjat tal-kuluri, imma jikkonċentraw fuq ħaġa waħda — it-Tqarbin Imqaddes.

Ma naħsibx li nkun noħroġ 'il barra miċ-ċirku tal-moderazzjoni jekk nistqarr li dan l-kwadru taċ-Ċena barra li jagħmel ġieħ lil min pinġih, huwa wkoll wieħed mit-teżori li l-Knisja Katidrali t'Għawdex tikkonserva bl-akbar għożża.


Trid tagħti SPRAY lill-karozza tiegħek?

Triq tqabbel SPRAY ġdid mal-qadim?

Trid ittella' d-DAQQIET fil-karozza?

Trid tara l-karozza ĠDIDA bħal qabel?

Agħżel fost kulħadd il-GARAGE ta'

**Joe Azzopardi**

20, Foreman Street,

Victoria Gozo.






**SPEL 65**

L-AQWA WASHING POWDER LI TISTA' TIXTRI

Il-Faċċata ta' SPEL 65 jinbidlu ma' l-aqwa u l-irħas rigali għand:

EMANUEL BONELLO

10, Fra Diegu Street, Marsa

Branch: 7, Triq Santa Luċija, il-Belt

Ċemplu: 26452



DRENCH YOUR THIRST WITH FLAVOUR

**M - M - M - MIRINDA**

Bright, Bubby Fresh Fruit Flavour



**D'AMATO DISC**

***(Diski Maltin)***

In-Nisa Kollha Xorta — Il-Barmaid
Id-Dota Ta' l-Għarusa — Għaliex Ma Iżżewwiġtx
Xebgħa Frosta Lin-Nisa — Xebgħa Frosta Lill-Irġiel
Il-Qerq Tan-Nisa — Għanja Lis-Sajf
Lucia Ta' Lammermur (Parti 1—2)
Pia De Holomei (Parti 1—2)
Ix-xbejba Ta' Rdum (Parti 1—2)
Lieni l-Karkariża (Parti 1—2)
Iż-Żaqqieq — Għanja Lin-Namrata
X'Aħna Sbieħ Min Jaf Jarana (Parti 1—2)
Ġenoveffa (Parti 1—2)
Kontradanza Maltija — Maddalena
Il-Mara U x-Xitan — Festa f'Raħal
Ilbies Skullat — Ix-Xħieħ
Il-Mara Halja (Parti 1—2)
Toni Bajada (Parti 1—2)
Għanja Bejn Tnejn (Parti 1—2)
L-Istorja ta' l-Imsejken Ġużeppi (Parti 1—2)
Ajma Żaqqi Kemm Ksuħat — Tgħajjira lin-Namrata
Gio Marija Kassja (Parti 1—2)
Il-Brigant Kalabriż (Parti 1—2)
Edgardo Fuq il-Qabar ta' Elvira (Parti 1—2)
Destin Ingrat — Mgħallem Żidni Għax Għarus
L-Istorja Ta' Arturo u Marija (Parti 1—2)

Jistgħu jintbagħtu bil-posta faċilment minn għand:

***Anthony D'Amato***

*98-99 ST. JOHN'S STREET, VALLETTA, Phone 24348*






In 48 hours you can have your KODACOLOR film processed . . . and have the colour prints made ready for you to collect. The KODAK equipped laboratory in Malta brings you the best possible quality—fast.

*For all your processing enquiries call at your local photo dealer.*

P. CUTAJAR (Laboratories) AND COMPANY LIMITED

12 St Paul Street, Valletta

Telephone 23440


"NATIONAL PRESS" — Pieta' — Tel. 29602